MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 576/2009

**Mediterranea Distribuzione S.r.L, socjeta` estera registrata l-Italja bin-numru 02155040807 u bl-indirizz Bovalino, Reggio Calabria, l-Italia, Strada Statale 106KM.**

**vs.**

**Jovan Mizzi li ghandu l-karta tal-identita` bin-numru 340061(M) u Unitrade Limited C9456.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Mediterranea Distribuzione S.r.L. guramentat minn Barbara Terrigno debitament awtorizzata li ghandha l-karta tal-Identita` Taljana bin-numru AR 5063034 datat 11 ta' Lulju 2009 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lil IFIX TRADE LIMITED C9456 (IFIX) merkanzija konsistenti fi prodotti ta' *appliances* domestici u ohrajn sabiex IFIX tbiegh din il-merkanzija lill-terzi mill-istabbiliment, u cioe` minn "Gio Casa f'Millennia", Aldo Moro Street, Marsa mikri lilha minn Unitrade Limited; u meta tbiegh dawn l-*appliances* lill-terzi, IFIX kellha thallas s-socjeta` attrici; ghalhekk din il-merkanzija kienet ghand IFIX *"on a consignment basis".*

Illi skont skrittura ta' bejn il-partijiet *ossia* kostituzzjoni ta' debitu ta' 8 ta' April 2009, (Dok "A"), l-valur ta' din il-merkanzija kien ta' circa hames mija hamsa u tletin elf, mija u disgha u tetin ewro u hamsin centezmu (€535,139.50).

Illi *stante* ksur tal-obbligi ta' IFIX - wkoll ta' dawk naxxenti mill-ftehim hawn fuq imsemmi - is-socjeta` attrici ghandha d-dritt li titlob lil IFIX ir-ritorn tal-merkanzija fuq imsemmija.

Illi fil-fatt is-socjeta` attrici hekk ghamlet u IFIX kienet qablet li tirritorna din il-merkanzija.

Illi ghal dan il-ghan sar inventarju tal-imsemmija merkanzija, (Dok "B"), u rrizulta li fil-fatt il-valur tal-istess merkanzija, li kienet ghadha taht konsenja u li kienet qieghda f'Gio Casa, fil-Millennia, Aldo Moro Street Marsa kien, naqas minn circa hames mija hamsa u tletin elf, mija u disgha u tletin ewro u hamsin centezmu (€535,139.50) ghall-tliet mija u tliet elef, erbgha mija tlieta u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€303,443.81).

Illi gara li waqt li b'arrangament ma' IFIX, nhar it- 22 u 23 ta' Mejju 2009 din il-merkanzija (li kienet ghand IFIX *on a consignment basis*) kienet pacifikament qed tigi rritornata u dan bl-operat ta' haddiema tas-socjeta` attrici li gew apposta Malta fil-21 ta' Mejju 2009, il-konvenuti jew minn minnhom bla ebda raguni valida fil-ligi u bla ebda awtorita' tal-Qorti qabdu u bil-forza wahhlu katnazz mal-bieb principali tal-fond fuq imsemmi u *agendo ragion fattasi* ippossedew ruhhom illegalment mill-istess fond inkluz go fih il-merci fuq imsemmija tas-socjeta` attrici; is-socjeta` attrici qed tghid il-konvenuti jew min minnhom - u jistghu

jkunu solidalment risponsabbli - ghaliex fizikament kien Jovan Mizzi li agixxa b'dan il-mod fis-sit in kwistjoni, pero` jista` jkun li agixxa personalment jew bhala direttur ta' Unitrade (il-proprjetarja tal-fond).

Illi ghalhekk illum l-imsemmija merci, huma illegalment detenuti mill-konvenuti f'din il-kawza u cioe` Jovan Mizzi u Unitrade Limited jew min minnhom hu responsabbli.

Illi dan l-agir abbuziv u illegali tal-konvenuti ikkawza u qieghed jikkawza danni kbar lis-socjeta` attrici anki ghaliex il-valur tal-prodotti in kwistjoni jonqos sostanzjalment f' perjodu qasir apparti ragunijiet ohra kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna fosthom minhabba interessi lis-socjeta` attrici qed issofri mal-banek barra minn Malta li maghhom ghandha *overdraft facility* jew *facilities* ohra simili li ntuzaw biex inxtrat l-istess merkanzija mis-socjeta` attrici u danni ohra fosthom kif jirrizultaw minn Dok "C" .

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti solidalment jew min minnhom, aggixxew b'mod abbuziv u illegali meta qabdu u bil-forza wahhlu katnazz mal-bieb principali tal-fond fuq imsemmi u ippossedew ruhhom illegalment mill-istess fond u mill-merci tas-socjeta` attrici; u li ghalhekk il-merkanzija li s-socjeta` attrici kienet ghaddiet lill IFIX TRADE LIMITED *on a consignment basis* u li tinsab gewwa il-Millennia, Aldo Moro Street, Marsa hija illegalment detenuta mill-konvenuti f'din il-kawza u cioe` Jovan Mizzi u Unitrade Limited solidalment jew min minnhom hu responsabbli.

2. Tiddikjara illi l-valur tal-merci *on consignment basis* fuq riferit hi tal-valur ta' tliet mija u tliet elef, erbgha mija tlieta u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€303,443.81).

3. Ghalhekk tikkundanna u tordna lill-konvenuti solidalment jew min minnhom ihallsu lill-kumpanija attrici

s-somma ta' tliet mija u tliet elef, erba' mija tlieta u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€303,443.81) rapprezentranti l-valur tal-imsemmija merkanzija.

4. Bl-imghax tat-8% fuq l-ammonti fuq imsemmija mill-11 ta' Gunju 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

5. Tillikwida l-ammont dovut in linea ta' danni.

6. Tikkundana lill-konvenuti solidalment jew min minnhom jhallsu s-somma hekk likwidata bhala danni lis-socjeta` attrici.

7. Bl-imghax tat-8% fuq l-ammont hekk likwidat mill-11 ta' Gunju 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Bir-riserva tad-dritt tas-socjeta` attrici li tiehu dawk il-passi kollha skont il-ligi kontra s-socjeta` IFIX TRADE LIMITED fir-rigward tal-merkanzija in kwistjoni.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 8 sa 55 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2009.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Mizzi Jovan (K.I. 340061M) u s-socjeta' Unitrade Limited (C 9456) datat 13 ta' Lulju 2009 a fol. 61 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok, il-fond in kwistjoni huwa proprjeta` tal-eccipjenti u mikri lis-socjeta' kummercjali IFIX Trade Limited, liema socjeta' tat il-kunsens taghha ghall-azzjonijiet tal-eccipjenti, u jsegwi ghalhekk li tali azzjonijiet ma sarux illegalment u abbusivament.

2. Illi isegwi li r-rikorrenti m'ghandhomx *locus standi* f'din il-kawza billi huma la qatt kellhom pussess tal-fond in

kwistjoni u l-anqas ma kellhom jew ghandhom relazzjoni guridika mal-eccipjenti.

3. Illi l-merkanzija in kwistjoni ma gietx mghoddija lil IFIX Trade Limited *'on consignmnet'* izda mibjugha mill-atturi lill-istess IFIX Trade Limited.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet hawn fuq sollevati, *dato ma non concesso* illi tali merkanzija giet mghoddija lil IFIX Trade Limited *'on consignment',* sussegwentement is-socjeta' attrici baghtet *invoices* lil IFIX Trade Limited rigwardanti l-istess merkanzija (liema *invoices* ser jigu pprezentati matul il-prosegwiment tal-kawza *stante* li fid-data tal-ipprezentar ta' dawn l-eccezzjonijiet dawn *l-invoices* kienu fil-pussess tal-likwidatur ta' IFIX Trade Limited u l-eccipjenti ma kellhomx access ghalihom), u ghalhekk isegwi li l-merkanzija in kwistjoni hija proprjeta` ta' IFIX Trade Limited.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jinghataw waqt il-prosegwiment tal-kawza.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 62 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta' Ottubru 2009. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Michael Camilleri sabiex jifissa seduta wahda ghall-kontro ezamijiet kollha relattivi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda quddiemu prodotta u d-dokumenti pprezentati.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti tat-18 ta' Novembru 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Frank Testa ghall-konvenuti kollha li nforma l-Qorti li s-seduti huma lesti u talab li l-partijiet jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba u l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-30 ta' Marzu 2011.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici datata 20 ta' Dicembru 2010 a fol. 185 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Javon Mizzi u Unitrade Limited datata 15 ta' Frar 2011 a fol. 202 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza hija dwar merkanzija li l-kumpanija estera attrici forniet lill-kumpanija terza, u cioe', IFIX Trade Limited C9456 (IFIX), konsenji ta' *appliances* domestici biex din tal-aħħar tbiegħ din il-merkanzija mill-istabbiliment, "Gio Casa f'Millennia", Aldo Moro Street, Marsa mikri lilha minn Unitrade Limited. Is-socjeta' attrici tikkontendi li tali merkanzija kienet ghaddiet ghand is-socjeta' IFIX permezz ta' ftehim li sar f'4 ta' Lulju tal-2008.

Illi s-socjeta' attrici qed tikkontendi li mhabba l-fatt li s-socjeta' IFIX kisret il-ftehim li kellha maghha, inkluz dak naxxenti mill-skrittura ohra ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 8 ta' April 2009, inkluz li jsir il-hlas tal-merkanzija li ma nbieghetx, hija marret sabiex tiehu l-istess merkanzija, u IFIX qablet li dan seta` jsir, izda meta dan kien fil-process li jsir, il-konvenuti, jew min minnhom, ma hallewx li dan isir billi vjolentement u permezz ta' katnazz sakkru l-bieb tal-fond fejn kienu l-istess oggetti u ppossew ruhhom mill-istess merkanzija, u ghalhekk b'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob li l-istess konvenuti bl-agir taghhom ippossessaw ruhhom illegalment mill-istess merkanzija proprjeta' taghha u baqghu izommu l-istess merkanzija, sabiex jigi ddikjarat li l-valur tal-istess merkanzija

moghdija lis-socjeta' IFAX *on consignment basis* ghandha valur ta' €303,443.81, u li allura tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu l-istess valur tal-istess merkanzija, bl-imghax ta' 8% mid-data tal-11 ta' Gunju 2009 sad-data tal-effettiv pagament, u sabiex jigu likwidati d-danni sofferti minhabba l-istess agir tal-konvenuti b'kundanna ghall-hlas tal-istess bl-imghax ta' 8% b'effett mill-11 ta' Gunju 2009 sal-effettiv pagament.

Illi l-konvenuti eccepew li s-socjeta' IFAX Trade Limited tat il-kunsens taghha sabiex il-konvenuti jagixxu b'dan il-mod; li s-socjeta' rikorrenti ma ghandhiex *loxus standi* f'din il-kawza ghaliex qatt ma kellhom pussess tal-fond fejn kienu l-istess oggetti, li huwa proprjeta' tas-socjeta' konvenuta u mikri lis-socjeta' IFAX Limited; li l-merkanzija in kwistjoni kienet inxtrat mis-socjeta' IFAX Limited u mhux moghdija lilha mis-socjeta' attrici *on consignment basis;* u anke jekk dan kien il-kaz s-socjeta' attrici harget *invioces* fuq l-istess merkanzija fuq is-socjeta' IFAX Trade Limited u allura dawn saru proprjeta' tal-istess socjeta' IFAX Trade Limited.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li bejn l-istess socjeta' attrici u s-socjeta' IFAX Trade Limited kien sar ftehim datat 4 ta' Lulju 2008 (Dok. "BF 1), fejn gie *inter alia* miftiehem li s-socjeta' attrici tikkonsenja lis-socjeta' IFAX Trade Limited diversi appliances domestici li s-socjeta' IFAX Trade Limited kellha tbiegh lill terzi, u meta jsir dan il-bejgh hija allura kellha thallas lis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' attrici allura tikkontendi li dan il-ftehim kien ifisser li l-istess merkanzija tibqa' proprjeta' tas-socjeta' attrici sakemm din tinbiegh mis-socjeta' IFAX Trade Limited lill-terzi u hawn is-socjeta' IFAX Trade Limited tkun obbligata li thallas lis-socjeta' attrici l-valur tal-istess merkanija. Illi dan huwa kkonfermat mill-ftehim milhuq bejn iz-zewgt socjetajiet datat 4 ta' Lulju 2008 (Dok. "BF 1") u partikolarment ghall dak li jipprovdi l-artikolu 2 tal-istess ftehim (fol. 72) u wkoll artikolu 3 tal-istess (fol. 73) fejn jirrizulta car li l-merkanzija hemm indikata kellha tibqa' proprjeta' tas-socjeta' attrici u artikolu 4 (fol. 74) jipprovdi kif l-istess socjeta' IFAX Trade Limited kellha mbaghad

tipprocedi sabiex taghmel il-bejgh tal-istess u skond artikoli ohra relattivi nkluz l-artikolu 6 (fol. 75) hemm provdut kif l-istess socjeta' IFAX Trade Limited kellha thallas lis-socjeta' attrici.
Illi dan jinsab ikkonfermat mill-istess skrittura stess hawn imsemmija, mix-xhieda ta' Barbara Ferrigno, direttrici tas-socjeta' attrici moghtija bl-affidavit datat 24 ta' Lulju 2007 (fol. 68).

Illi dan jinsab ukoll kkorroborat mill-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 8 ta' April 2009 (Dok. "A"), fejn is-socjeta' IFIX Trade Limited tramite il-managing director taghha Charles Farrugia, irrikonnoxxiet li proprji konsegwenti ghall-istess ftehim kellha ghanda b'valur ta' hames mija u hamsa u tletin elf mija u disgħa u tletin euro u hamsin centezmi (€ 535,139.50) f'*appliances* domestici li s-socjeta' attrici kienet tat lis-socjeta' IFIX biex tbiegh l-istess, u dan jinsab indikat f'paragrafu (ii) tal-istess skrittura privata fejn jinghad testwalment li:-

*"(ii) Moreover the debtor* (IFIX Trade Limited) *acknowledges that the creditor has delivered to the debtor's warehouse in Marsa, Malta goods having the value of circa* 535,139.50 Euro (*which amount shall be detemined accurately following a stock take of the said goods to be carried out by the creditor* (is-socjeta' attrici) *and the debtor not later than the 21st April 2009)…".*

Illi fl-istess ftehim l-istess socjeta' IFIX Trade Limited ikkostitwiet ruhha bhala debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fl-ammont ultejuri ta' 700,000 Euro u sar ftehim kif kellha tithallas din is-somma, u wkoll li dwar l-oggetti l-ohra indikati f'paragrafu (ii) tal-istess ftehim dawn kellhom jinbieghu bil-mod kif previst, sakemm is-socjeta' attrici indikata bhala *"the creditor does not request the return of any of the goods in the debtors possession"* (fol.9).

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-merkanzija mertu ta' din il-kawza kienet giet ikkonsenjata ghand l-istess socjeta' IFAX Trade Limited *"on consignment basis"* u ghalhekk baqghet proprjeta' tas-socjeta' attrici u s-socjeta' IFAX Trade Limited kellha l-obbligu li wara li hija taghmel il-

bejgh tal-istess oggetti lill-terzi hija thallas lis-socjeta' attrici mhux il-prezz tal-merkanzija kollha ikkonsenjata izda l-prezz tal-merkanzija li kienet tinbiegh lill-terzi, u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx u dan huwa wkoll ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **"Av. Dr. George Vassallo nomine vs Victor Caruana nomine"** (K. (WH) – 26 ta' April 1951) fejn inghad li f'dan il-kaz *"al ricevente non solo non si acquista in nessun caso la' proprieta' della merci dategli a vendere, ma incombe anzi obbligho, nella sua qualita' di commessionario, o mandatario, di restituirle a ogni momento al mandante o committente, tosto che questi, revocando come ne ha diritto, l-affidatogli incarico, ne chiede appunto la restituzione……e' cosi in fine, il commissario e' tenuto a rendere conto del suo operato, e a corrispondere il mandante o committente l-intero prezzo ricavato dalla vendita da lui eseguita…"*

Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li kienet saret kawza fl-ismijiet **"Medierranea Distribuzione S.r.L vs IFIX TRADE Limited"** li giet deciza fil-15 ta' Dicembru 2009 (Citaz. Nru. 575/2009/JRM) fejn ma kienx hemm argument li l-konsenja tal-merkanzija kollha li ghaddiet bejn is-socjeta' attrici odjerna u IFIX saret *"on consiggment"* u fil-fatt fl-istess sentenza sar proprju riferiment ghall-imsemmija skrittura privata datata Lulju 2008, u li wara li l-istess socjeta' IFIX ma' hallsitx l-ammonti hekk dovuti ghall merkanzija hekk konsenjata u mibjugha, hija kellha taghti s-somma ta' €700,000 oggett tal-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu ta' April 2009 indikat bl-ittra (i) fl-istess skrittura, u wkoll ghall valur ta' merkanzija li l-istess socjeta' IFIX kellha fil-pussess taghha, izda proprjeta' tas-socjeta' attrici, kollox tal-valur indikat bl-ittra (ii) tal-iskrittura ta' 535,139.50 Euro, izda peress li jirrizulta li meta sar l-inventarju tal-istess merkanzija kienet instabet merkanzija inqas minn dik li suppost kien hemm, is-socjeta' attrici odjerna f'dik il-kawza ziedet il-valur tal-istess merkanzija nieqsa mal-ammont ta' €700,000 dikjarat bhala cert, likwidu u dovut mis-socjeta' IFIX, li wassal ghas-sorte ta'€ 931,695.69, li ma gie bl-ebda mod kontestat mis-socjeta' hemm intimata u ghalhekk l-istess socjeta' intimata IFIX giet ikkundannata thallas l-istess ammont bl-imghax mit-8 ta' Lulju 2009.

Illi fil-fatt fl-istess sentenza l-Qorti fir-rigward tal-iskrittura msemmija, sostniet li:-

*"Ifix ma ressqitx il-pjan tal-ħlas lura skond kif miftiehem. Minbarra dan, meta kien qiegħed jitwettaq l-arranġament tat-tneħħija minn MD* (is-socjeta' attrici) *tat-tagħmir li kien għadu ma nbiegħx, lejn l-aħħar ta' Mejju, 2009, MD twaqqfet milli tkompli tirtira l-imsemmi tagħmir, u dan minbarra li irriżulta wkoll li minn dak it-tagħmir inventarjat kien naqas xi ammont li tiegħu MD ma kinitx tħallset…"*

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-kreditu mitlub minn MD ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Dan jgħodd kemm dwar il-kreditu li kien "likwidat" saż-żmien meta saret il-kitba, u kif ukoll dwar dik il-kwantita' ta' tagħmir domestiku li nstab nieqes meta sar l-inventarju u li tiegħu MD kienet għadha ma tħallsitx.* ***Din il-kawża ma tirrigwardax dak l-ammont ta' tagħmir li MD riedet tieħu lura għandha imma li setgħet inżammet milli tieħdu. Kemm hu hekk, MD irriżervat il-pożizzjoni tagħha biex tirregola ruħha kif jidhrilha xieraq****;" (enfasi mizjuda)*

*"Illi, fin-nuqqas ta' provi tajba li jwaqqgħu dawk imressqin minn MD, din il-Qorti ssib li MD hija kreditriċi ta' Ifix fis-somma ta' disa' mija u wieħed u tletin elf, sitt mija u ħamsa u disgħin ewro u disgħa u sittin ewro ċenteżmi (€931,695.69) li tirrappreżenta l-prezz ta' merkanzija lilha mibjugħa u konsenjata mill istess MD. Għalhekk issib li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa".*

Illi ghalhekk jirrizulta li issa qed issir il-kawza ghall-merkanzija tas-socjeta' attrici li kienet fil-pussess tas-socjeta' IFIX, li kienet tinsab fil-fond mikri lilha mis-socjeta' konvenuta odjerna gewwa il-fond bl-isem "Gio Casa f'Millennia", Aldo Moro Street, Marsa, l-istess immobbli proprjeta' tas-socjeta' attrici.

Illi dan kollu juru li l-merkanzija *de quo* kienet proprjeta' tas-socjeta' attrici, u dan huwa wkoll ikkonfermat mid-dokument konsistenti f'*endorsement* mahrug f'isem is-socjeta' IFIX dwar polza ta' assigurazzjoni li kienet tezisti

u fejn gie indikat li l-oggetti fil-fond imsemmi kienu proprjeta' tas-socjeta' attrici (fol. 119).

Illi jirrizulta li fil-fatt is-socjeta' attrici giet biex tiehu l-istess merkanzija, u f'dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda li ta Charles Farrugia stess fis-seduta tat-22 ta' April 2010 (fol. 180) u li ghalkemm wara dan l-istess xhud jihder li pprova ibiddel il-verzjoni tieghu, din il-Qorti hija konvinta li mill-provi prodotti, jirrizulta li s-socjeta' IFIX kienet accettat li tirritorna l-istess merkanzija lis-socjeta' attrici, kif in effetti kienet obbligata li taghmel skond il-ftehim ezistenti bejn l-istess socjetajiet, u dan beda jsir skond kif jirrizulta mix-xhieda ta' Francesco Iozzi datata 24 ta' Lulju 2009 (fol. 64) u wara li saru l-arrangamenti necesarji sabiex is-socjeta' attrici bi ftehim ma' Charles Farrugia ghan-nom tas-socjeta' IFIX tiehu l-istess merkanzija lura meta s-socjeta' attrici kienet attwalmwent fil-process li tirtira tali merci anke bl-assistenza ta' impjegati tas-socjeta' IFIX hija giet impedita taghmel dan meta gie mwahhal katnazz mal-bieb tal-fond fuq imsemmi mill-konvenuti.

Illi ghall-precizjoni jinghad li dwar l-avvenimenti bejn it-22 u l-25 ta' Mejju, 2009 hemm zewg verzjonijiet opposti li gew imressqa mill-partijiet. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia** (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) fejn intqal li:-

*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A. (TM) - 30 ta' Ottubru, 2003) inghad illi:-

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-*

*istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Illi jinghad ukoll illi l-komportament tal-partijiet quddiem min ghandu jiddeciedi huwa fattur ukoll importanti sabiex wiehed jara jekk dak li xhud ikun qieghed jghid ghandux mis-sewwa jew le u tenut kont ta' dan kollu jirrizulta li sia mix-xhieda ta' Barbara Ferrigno, rappresentanti tas-socjeta' attrici u Francesco Iozzi impjegat tas-socjeta' attrici (*vide* xhieda taghhom in kontro esami 4 ta' Frar 2010), jirrizulta li kien hemm ftehim bejn Charles Farrugia u Mario Benincasa (ghall-IFIX) u s-socjeta' attrici sabiex il-merkanzija in kwistjoni tigi ritornata lilha mis-socjeta' konvenuta.

Illi Charles Farrugia (direttur tas-socjeta' IFIX) fix-xhieda tieghu (22 ta' April 2010) jghid li fuq il-parir ta' Dr Louis Cassar Pullicino (fl-assenza ta' Dr Jean Farrugia, konsulent legali ta' IFIX) huwa kien qabel li l-merkanzjia in kwistjoni tigi ritornata lill-Mediterranea: *"fil-kaz mela johodhom." "Jien kont inzilt il-Marsa (dana dejjem nhar il-Gimgha) u kien hemm Mario Benincasa (beneficial owner ta' IFIX) u Franco Cancio (floor manager u impiegat ta' IFIX). Huma kienu gja jafu li l-merkanzija kellha tohrog...".*.

Illi l-istess Charles Farrugia fis-seduta ta' wara biddel din il-verzjoni fis-sens li jghid li Mario Benincasa u Franco Cancio kienu <u>dehru</u> li kienu jafu u mhux kienu jafu. Ix-xhud jghid ukoll li *"…Jiena kont kellimt lil hija ukoll li kien segretarju tal-kumpannija u bqajna li jiena nizel il-Marsa, fil-hanut, u navazhom li jistghu jkomplu jippakkajaw pero ma johrog xejn qabel nhar it-Tnejn fil-ghodu. Il-hsieb tieghi kien li jekk il-legal advisor taghna jibqa' bl-opinjoni li ma johrog il-merkanzija dan jibqa' ghandna u kunsens tieghi biex johrog tigi irtirata".*

Illi hija l-fehma ta’ din il-Qorti li kunsens da parte tas-socjeta’ konvenuta sabiex is-socjeta’ attrici tiehu l-merkanzija proprjeta’ taghha kien hemm, u dan il-kunsens qatt ma gie rtirat u fil-fatt l-istess ftehim kien beda jigi attwat. Li gara kien li kien hemm disgwid bejn Jovan Mizzi u Benincasa. Din it-tesi hija ikkonfermata mill-fatt li a detta tal-intimat iz-zamma tal-merkanzija sar sabiex l-intimati jikkawtelaw id-drittijiet taghhom minhabba arretrati ta' kera dovuti lilhom minn IFIX Trade Limited. Jghidu ukoll li kien a bazi ta’ dan li Jovan Mizzi talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju fil-konfront ta' IFIX Trade Limited fil-25 ta' Gunju, 2009.

Illi dwar l-ammonti dovuti mis-socjeta’ IFIX lill-konvenuti hemm is-sentenza tal-18 ta' Gunju, 2009 fl-ismijiet **“Jovan Mizzi personalment, Mizzi Group Limited (C21948) u Unitrade Limited (C9456) vs IFIX Trade Limited (C38861)”,** izda certament li dan juri ghaliex l-istess konvenuti kellhom interess li jzommu l-istess merkanzija u jsostnu li hija tas-socjeta’ IFIX, izda dan bl-ebda mod ma jaghti lill-istess konvenuti xi dritt fuq il-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, u inqas u inqas li jwaqqfu, kif waqqfu lill-istess socjeta’ attrici milli tiehu l-proprjeta’ taghha lura, u dan b’atti unilaterali u vjolentement, u dan billi npossessaw ruhhom mill-istess proprjeta’ u imbarraw l-access ghaliha lis-socjeta’ attrici.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ghandha tigi enfassizata l-inkonsistenza tax-xhieda ta’ Charles Farrugia, li s-socjeta’ li huwa kien qed jirrapprezenta kienet naqset mill-obbligi taghha u debitrici tas-socjeta’ attrici u tas-socjeta’ konvenuta, u hawn issir ukoll riferenza ghal dak li huwa xehed fil-kawza fuq citata deciza istitwita mis-socjeta’ attrici kontra s-socjeta’ IFIX u deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn hemm kien ammetta ghan- nom tas-socjeta’ IFIX il-pretensjonijiet migjuba kontra s-socjeta’ minnu rappresentata u dejjem sostna li l-merkanzija mizmuma fil-hanut mikri lilhom kienet proprjeta’ taghhom, u kien ghalhekk li sar il-ftehim mieghu ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datat 9 ta’ April 2009, li ppreceda l-istess kawza. Hawn, ghaliex hekk jaqbillu,

jidher li qed jipprova jghid mod iehor, izda dan bl-ebda mod ma huwa ser ibiddel il-provi prodotti u l-kontenut tal-iskritturi minnu ffirmati ghan-nom tas-socjeta' IFIX.

Illi fl-ahhar mill-ahhar dak kollu allegat mis-socjeta' attrici jirrizulta li gie ppruvat u dak li zamm lis-socjeta' attrici milli tiehu l-proprjeta' taghha lura kien l-agir ta' Jovan Mizzi li unilateralment ghalaq il-fond in kwistjoni bil-katnazz u dan sabiex il-merkanzija ma tohrogx mill-istabbiliment imsemmi mikri lis-socjeta' IFIX. Hawn issir referenza ghal dak li Francesco Iozzi xehed fis-sens li huwa rega' intbaghat Malta il-Gimgha 22 ta' Mejju 2009 minn Barbara Ferrigno biex jghin lid-*driver* tal-Mediterranea, Pasquale Romeo, li kien baqa` hawn Malta biex jiehu lura l-Italja l--merkanzija in kwistjoni. Francesco Iozzi jikkonferma li kien proprju Jovan Mizzi li waqqafhom milli jiehdu l-merkanzija lura tant li xehed li:-

*"At 0700 hrs in the morning we started to move the goods from the shop area to the warehouse so that we could load the goods into the truck. At around 0900 hrs when we opened the door to load the goods into the truck we saw Mr Jovan Mizzi arrive with a blacksmith. The said Jovan Mizzi, after warning us not to take any goods from the warehouse since he would call the police, closed the warehouse".*

Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni attrici meta tghid li ma kellha tinghata l-ebda spjegazzjoni lil Jovan Mizzi dwar il-fatt li merkanzija proprjeta' tal-Mediterranea kienet qed tigi ritornata lura mill-IFIX, inqas u inqas, kellu d-dritt li jimpedixxi tali ritorn u dan peress li jirrizulta li l-konvenuti ma kellhom ebda jedd fuq il-proprjeta' tas-socjeta' attrici, u dan riferibilment ghall-prodotti taghha mertu ta' din il-kawza.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa fil-fatt fixkel lis-socjeta' attrici milli tiehu pussess tal-proprjeta' taghha u dan iktar u iktar meta ghamel katnazz fuq il-bieb u konsegwentement impedixxa lis-socjeta' attrici milli tidhol u tiehu il-proprjeta' taghha stess kif kien miftiehem bejn is-socjeta' attrici u l-kerrej

(IFIX) tal-fond in kwistjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti Jovan Mizzi kien qed jagixxi, u fil-fatt agixxa, sia fil-kwalita' tieghu personali u wkoll bhala in rappresentanza tas-socjeta' Unitrade Ltd u dan b'mod abbusiv u llegali. Ghalhekk l-ewwel talba attrici sabiex Jovan Mizzi u Unitrade Ltd jigu ddikjarati solidalment responsabbli ghad-danni kkawzati lis-socjeta' attrici qed tigi milqugha ghaliex tinsab ippruvata fis-sens propost.

Illi konsegwentement fil-kuntest tat-tieni u t-tielet talba attrici jirrizulta li l-valur tal-istess merkanzija li l-konvenuti mpedew lis-socjeta' attrici milli tiehu kien jammonta ghas-somma ta' tliet mija u tliet elef, erba` mija tlieta u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€303,443.81) u ghalhekk it-tieni u t-tielet talba qed jigu milqugha.

Illi dwar ir-raba' talba ghad-danni din il-Qorti thoss li l-istess ma tistax tigi akkolta u dan peress li l-unika danni li jirrizulta li s-socjeta' attrici sofriet u li tista' tirkupra huma proprju l-valur tal-istess merkanzija, u dwar dan gja l-Qorti ddisponiet konsegwenti ghat-tieni u t-tielet talba attrici.

Illi jinghad ukoll li fil-ftehim tat-8 ta' April 2009 l-kumpanija IFIX iddikjarat ruha debitrici tas-somma certa ta' €700,000 u tas-somma ta' €535,139.50 cirka rappresentanti merkanzija mizmuma minnha, li huma proprju l-oggett ta' din il-kawza. Meta sar l-inventarju din is-somma kienet tnaqqset ghall-valur ta' €303,443.81. Il-Qorti fil-kawza, tas-socjeta' attrici kontra l-IFIX kienet iddikjarat li l-IFIX kienet ghalhekk debitrici ta' €700,000 piu` €231,695.69 (u cioe' is-somma li lehqet bieghet l-IFIX mill-merkanzija li kienet tammonta ghal €535,139.50). Ir-rimanenti valur tal-merkanzija u cioe' €303,443.81 kienet mizmuma minghajr ebda awtorita' da parti tal-intimati. Dawn huma ghalhekk id-danni effettivi u reali ghaliex it-troddija lura tal-merkanzija ma tistax tigi esegwita stante li hemm mandat ta' qbid fuq l-istess merkanzija u minhabba n-natura ta'

merkanzija, din kellha deprezzament sostanzjali fil-valur taghha. Ghalhekk il-valur tal-istess merkanzija gie likwidat fl-ammont ta’ €303,443.81 u huwa nkorporat f’dak deciz konsegwenti ghat-tieni u t-tielet talba attrici.

Illi dwar il-hames sas-seba’ talbiet attrici qed issir referenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Av. Dr. Tonio Azzopardi vs Olaf A. Cini”** (P.A. (TM) – 15 ta’ Ottubru 2003) fis-sens li:-

*“F’materja ta’ danni emergenti ftit hemm lok ghal diskrezzjoni arbitrio boni, stante li dawn id-danni minn natura taghhom ghandhom jirrizultaw b’ mod konkret u car mill-provi mressqa mill-attur li ghandu l-oneru tal-prova b’applikazzjoni tal-principju fundamentali f’materja ta’ prova li min jallega ghandu jipprova: onus probandi incumbit ei quid dicit non ei qui negat u quod gratis asseritur gratis negatur”.*

*“In propositu ghall-komputazzjoni tad-danni l-Qorti tirrileva li huwa d-dover taghha li thares kemm l-interessi tad-danneggjat kif ukoll dawk tad-danneggjant u tasal ghall-ammont li jirrapprezenta bilanc ekwu u gust bejn iz-zewg interessi; izda, l-ammont ghandu dejjem ikun bazat fuq provi konkreti u cari li juru b’ mod dettaljat u sodisfacenti d-damnum emergens konsistenti telf finanzjarju attwalment soffert mid-danneggjat rizultat tal-agir illegali tad-danneggjant li minn naha tieghu ghandu d-dritt jkun jaf fuq liema kriterji finanzjarji hija bbazata s-somma li ser ikun obbligat ihallas.”*

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li inghad fis-sentenza **“EuroClub Holidays Limited vs Robert Borg nomine”** (P.A. (RCP) – 29 ta’ Novembru 2009) fejn inghad li il-*“principju “compensatio lucri cum danno” jinnecessita’ rabta ma’ l-antecedenti li jkunu taw lok ghad-dannu. Dan ghall-fini tan-ness ta’ kawzalita’. Huwa mbaghad daqstant iehor logiku u gust illi ghandhom dejjem konsiderazzjoni l-fattezzi tal-kaz partikolari”.*

Illi gie wkoll riaffermat il-principju ritenut fil-kawza **"Nicole Mairangas vs. HSBC Bank Malta plc"** (A.C. - 3 ta' Ottubru, 2008) fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell dwar l-ezercizzjoni ta' komputazzjoni tad-danni sostniet li:-

*"Din il-Qorti tirrileva li filwaqt li hu minnu li hemm gurisprudenza fis-sens li meta jkun difficli li jigu likwidati d-danni, il-Qorti tista' tipprocedi ghall-valutazzjoni 'ex aequo et bono' (ara per ezempju, il-kawza* ***Camilleri v. The Cargo Handling Co. Ltd****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Ottubru, 2004) irid pero`, dejjem jigi muri li, fil-fatt, gew sofferti danni. Skond il-ligi, id-danni jridu jkunu reali u "l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta' l-obbligazzjoni" (Artikolu 1137 tal-Kodici Civili). Fi kliem iehor, qabel ma l-Qorti tghaddi biex tillikwida d-danni, anke ex aequo et bono, irid jirrizulta effettivament li kien hemm danni, ghax altrimenti l-Qorti tkun qed takkorda danni morali".* Dan ifisser li l-gurisprudenza prevalenti hija fis-sens li d-danni iridu jkunu reali u effettivi u dan anke japplika fil-kaz tal-applikazzjoni tal-**artikolu 1045 tal-Kap. 12** ghal danni *ex delicto.* Ghalhekk peress li f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li ma gewx ippruvati danni ulterjuri ghal dawk konsistenti fil-valur tal-merkanzija, li gew indirizzati konsegwenti ghat-tieni u tielet talba attrici, il-hames, is-sitt u s-seba' talba attrici qed jigu michuda.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li invista ta' dak deciz l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti qed jigu michuda u dan peress li l-istess eccezzjonijiet ma jirrizultawx lanqas pruvati, anzi jinsabu kontrastati mill-provi kollha processwali u minn dawk li din il-Qorti kkonstatat f'din il-kawza kemm fuq bazi fattwali u kemm fuq bazi legali.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nkwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li tichad il-hames, is-sitt u s-seba' talba attrici ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-**

**talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz b'dan illi**:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti solidalment agixxew b'mod abbuziv u llegali meta qabdu u bil-forza wahhlu katnazz mal-bieb principali tal-fond fuq imsemmi u ippossedew ruhhom illegalment mill-istess fond u mill-merci tas-socjeta` attrici u li ghalhekk il-merkanzija li s-socjeta` attrici kienet ghaddiet lil IFIX TRADE LIMITED *on a consignment basis* u li tinsab gewwa il-Millennia, Aldo Moro Street, Marsa hija llegalment detenuta mill-konvenuti f'din il-kawza, u cioe` Jovan Mizzi u Unitrade Limited solidalment.

2. Tiddikjara illi l-valur tal-merci *on consignment basis* fuq riferit hi tal-valur ta' tliet mija u tliet elef, erba` mija tlieta u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€303,443.81).

3. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta' tliet mija u tliet elef, erba' mija tlieta u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€303,443.81), rapprezentanti l-valur tal-imsemmija merkanzija.

4. Bl-imghax tat-8% fuq l-ammonti fuq imsemmija mill-11 ta' Gunju 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------